ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 29 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 22 ta' Settembru 2014 fis-6.00pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillieri | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* Awwissu 2014;

   b) Skeda ta' Ħlas Awwissu 2014;

5. Haddiema tal-Kunsill;
6. Doggy bins;
7. Triq it-Telleritu;
8. Dwal ma' li Skola;
9. Ghaxaq by Pass;
10. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 28 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Segretarju staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, is-Sindku ppropona li jkunu addottati, issekonda il-Viċi Sindku Vassallo u l-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**

a. Is-Segretarju qalet li gabet ic-cavetta tal-Berga. Qalet ukoll li l-Berga ghandha bzonn titnaddaf u l-Kunsill ikun jista jghamel uzu minnha biex isiru klassijiet tal-Lifelong Learning.

b. Is-Segretarju staqsiet lis-Sinjura Schembri li tiehu hsieb iz-zghazagh jekk ghamlitx xi haga dwar il-laqgha ghal fondi tal-MEUSEC Summaries Town & Youth Exchanges. Is-Sinjura Schembri wiegbet li ma ghamlet xejn ghax il-Kunsill mhux qieghed f'pozizzjoni finanzjarja tajba.

**3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

1. Minghand is-Sur Saviour Mifsud kwotazzjoni ghal zbir tas-Sigar tal-flats u l-madwar ghal €1,290. Il-Vici Sindku qal li lis-Sur Mifsud nergghu nitolbuh kwotazzjoni ohra minhabba li s-sigar ta' Santu Rokku diga inzabru. Il-Kunsill qabel.

2. Minghand il-MEPA dwar applikazzjoni tas-Sur George Vassallo biex issir showroom f'Dawret Hal Ghaxaq kif ukoll applikazzjoni minghand Mr. Lee Caruana biex isiru xi alterazzjonijiet f'dar nru 264 Triq Santa Marija.

3. Mid-Dipartiment formola biex jinhatar Ambaxxatur gdid ghax is-Sinjorina Christine Dalli ghalqet it-18 il-sena.

   Ircevejna dwar Skema Inizjattivi Sportivi.

   Infurmawna ukoll dwar il-premju nazzjonali Haddiem tas-sena w Premju Societa' Gusta u Anzjanita Attiva.

4. Mir-Regjun Nofsinhar dwar laqgha ta’ konsultazzjoni mill-Fondazzjoni Valletta 2018 nhar il-Hamis 2 ta’ Ottubru fis-Sala tal-Kunsill Lokali, Siggiewi fil-5.15pm. Is-Sindku qal se jattendi.



Infurmawna ukoll dwar Sportsfest Regjonali li ser issir fis-27 ta’ Settembru fil-ground Victor Tedesco, Hamrun.

5. Mill-KNPD informazzjoni dwar laqgha li attenda ghaliha is-Sindku.

6. Minghand l-Enemalta dwar manutenzjoni ta’ Triq Has-Saptan. Sar qbil li jsir kuntatt mal-kuntrattur tal-patching biex isir patching jekk ikun hem mil-htiega fi Triq Has-Saptan. Il-Kunsill qabel.

7. Mill-Wasteserve dwar European Week for Waste Reduction ser issir kompetizzjoni.

8. Minghand is-Sur Chris Scicluna dwar accident li sar bil-cover tal-hofor tan-nar fejn infurmana li spiza ser tkun ta’ €1,734.96. Il-Kunsill qabel li jsir kuntatt ma’ l-Avukat tal-Kunsill dwar din il-materja.

9. Minghand is-Sur Martin Bonello fejn qed joffri servizz biex inehhi ic-chewing gum minn mat-toroq bil-magni.
   a.
   b.
   c. ra.

10. Minghand Denise Farrugia dwar laqgha li ser issir ir-Regjun Nofsinhar nhar il-Hamis 8 ta’ Ottubru fis-6.30pm. Din il-laqgha se tkun dwar il-progett LEAP.

## 4. <u>Materji Finanzjarji</u>

**a) *Petty Cash***: Is- Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Awwissu 2014, li kienu jammontaw għal €78.08 . Is-Segretarju qrat l-lista tan-nefqiet li saru u ressqet l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi kkumpensata b’€ għall-*petty cash*. Il-Viċi Sindku ressaq ghall-approvazzjoni u kienet sekondata mill-kunsillier Agius.

**b) *Skeda ta’ Ħlas Awwissu 2014.*** Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta’ Ħlasijiet għax-xahar ta’ Awwissu 2014 li jammontaw għal **€**28,748.28 .

Is-Segretarju qrat il-lista tal-pagamenti u wara ressqet l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġiet sekondata mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5. Haddiema tal-Kunsill

Is-Sindku qal li wasal iz-zmien li nohorgu avviz ghal Segretarju Ezekuttiv gdid minhabba li s-Sinjura Xuereb tmin xhur ohra ittemm il-kariga taghha.

ĦAL GĦAXAQ

Is-Segretarju qalet li hi issa tinsab tahdem fl-ufficcju waheda ghajr clerk li gie impjegat taht li skema tas-CIES u dan jahdem filghodu biss.

Qalet li se tikteb id-Dipartiment biex il-leave taghha tressqu ghas-sena id-diehla minhabba li issa ma tistghax tiehdu ghax is-Sinjura Donna Mallia qeghda bil-*leave* u qed tistenna tarbija. Qalet ukoll li s-Sinjura Mallia issa tkompli bil-*maternity leave* u ser iddum ma terga lura ghax-xoghol. Ghaldaqstant min jigi impjegat ikollu bizzejjed zmien biex jitghallem il-proceduri. Il-Kunsill qabel.

## 6. Doggy bins

Saret diskussjoni dwar id-*Doggy Bins* li s-Sindku jixtieq iwahhal madwar ir-rahal. Il-Kunsill qabel li jinxtraw sitt bins ghalissa w l-quddiem forsi jinxtraw aktar skond il-htiega. Dawn se jitwahhlu kif gej: hdejn il-grawnd tal-Kappillan; Bir-id-Deheb; hdejn l-ufficcju tal-Melita fil-Bypass; fil-Housing Estate u 2 tal-Millieri.

## 7. Triq it-Telleritu

Il-Vici Sindku staqsa s-Sindku dwar Triq Telleritu, kif din saret bil-hot tarmac meta dan ix-xoghol qatt ma gie diskuss waqt lagha tal-Kunsill. Staqsa ukoll kemm giet tistwa din it-Triq, u s-Sindku wiegeb li ser igib il-karti l-laqgha li jmiss. Is-Segretarja qalet li kif qalilha s-Sindku din it-Triq giet tiswa madwar €23,000.

Il-Vici Sindku kompla jghid li xoghol ma jistghax isir jekk ma jkunx hemm approvazzjoni tal-Kunsill, is-Sur Vassallo kompla jistaqsi jekk saritx Purchase Order u ghal din s-Sindku qal li ma saritx.

Il-Vici Sindku kompla jistaqsi kif il-Kunsill ma giex infurmat dwar offerti biex isir tarmac fi Triq Telleritu. Hawnhekk il-Vici Sindku staqsa lil dawk prezenti kif ukoll lis-Segretarju jekk kienux jafu dwar dan ix-xoghol. Dawk prezenti inkluz is-Segretarju wiegbu fin-negattiv, ghaldaqstant il-Vici Sindku talab lis-Segretarju biex tikteb f'isem il-Kunsill lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-ksur tal-Ligi li saret Triq bil-hot tarmac li giet tiswa 23,000 euro minghajr tender biex jsir dan ix-xoghol u minghajr ma giet

diskussa waqt laqgha tal-Kunsill u minghajr Works Order. Is-Sindku qal li ma kienx jaf li trid issir Works Order u kemm iridu jkunu l-offerti biex jinghataw dirett.

Il-Vici Sindku kompla jghid li s-Sindku kiser il-ligi tal-Kunsill u staqsa lis-Sindku jafx x'tghid il-ligi, qallu wkoll li bhala Sindku suppost jaf il-ligi bl-amment. Is-Sur Vassallo kompla jghid li hu mhux se jiffirma ghal hlas ta din it-Triq u staqsa lill-Kunsill prezenti jekk jaqblux jew le.

ĦAL GĦAXAQ

Is-Sindku qal li hu ghandu l-karti kollha x'juri w l-laqgha li jmiss se jgib il-karti kollha biex juri kif inhadem ix-xoghol u jghati spjegazzjoni qabel ma tintbaghat l-ittra lid-Dipartiment tal-Kunsilli. Il-Kunsill qabel.

**8. <u>Dwal ma' li Skola</u>**

Il-Vici Sindku qal li d-dawl li hemm mal-faccata ta' li Skola Primarja mhux qed jixghel, qal li l-ahjar il-kuntrattur tad-dawl imur filghaxija biex jara minhaba li hemm difett. Is-Sur Vassallo kompla jghid li jrid jinbidel floodlight minnhom minhabba li qed jghamel short. Il-Kuntrattur irid jixghel il-floodlights u jerga jirranga il-kaxxa li hemm ma l-arblu. Il-Kunsill qabel.

**9. <u>Ghaxaq by Pass</u>**

Is-Sindku qal li wasal iz-zmien li fil-ByPass jsiru *speed cameras,* gie suggerit ukoll li ma l-art ikun hemm li speed limit. Il-Kunmsill qabel ukoll li Transport Malta tintalab tinstalla *cameras* fit-truf tal-*Bypass* li jkunu jistghu jiehdu *reading* ta' kemm wiehed ikun qed isuq minn tarf ghall-iehor u jinghataw citazzjonijiet.

**10. <u>Suġġerimenti mill-Kunsilliera</u>**

**1.** Is-Sindku qal li l-fanali li kien hem mil-bandli hemm wiehed minnhom mghaffeg u jehtieg li nixtru iehor. Il-Vici Sindku qal li dawn kienu sari l-Garaxx tal-Gvern li hem mil-Marsa u dan il-fanal jew jitranga jew isir iehor minflok. Is-Sindku qal li se jiehu hsieb jibaghat il-haddiema bil-fanal. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku qal ukoll li iz-zurzieqa li hemm il-bandli ta' fuq Santu Rokku hi perikoluza u qal li l-ahjar titnehha minn fejn hi qabel ma jweggha xi hadd. Qal ukoll li jixtieq jghamel hadid mad-dawra tal-bandli ghas-sigurta tat-tfal.

Il-Vici Sindku ghamel suggeriment li flok hadid madwar il-bandli jittellghu tlett filghati bricks u issir shutter tal-konkos u jimtela bil-konkos biex il-bricks ma jinsterqux. Qal ukoll li wara jsiru zewg gradi. Is-Sur Vassallo kompla jghid li jrid jingieb permess mill-MEPA u tingieb stima biex jitwettaq dan ix-xoghol. Il-Kunsill qabel.

**2**. Il-Kunsilliera Agius ikkumentat dwar il-wires li saru mal-faccata tal-Kunsill meta twahhal l-*air condition* il-gdid. Qalet li dawn jidhru koroh u l-ahjar isir tip ta casing biex ix-xoghol jidher aktar pulit.  Il-Kunsill qabel.

**3**. Is-Sindku qal li dahal ilment fuq is-*searchlight* li tghati ghal fuq il-knisja biex din titnehha minhabba li qed tigbor hafna nemus li qed jidhol ghand tal-hanut ta' l-ikel li hemm taht din is-*searchlight*. Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur tad-dawl jaqla il-*fuse* biex il-Kunsill jara id-differenza minghajr dawl qabel ma din is-searchlight titnehha ghal kollox.

.

ĦAL GĦAXAQ

**4**. Is-Sindku qal li gie avvicinat biex issir hadida b'avviz fuqha li jindika meta jkun ser ikun hemm funeral biex ma jipparkjawx karozzi fil-pjazza quddiem il-knisja.  Din issir tip ta' tabella w  tkun tista tinqala' u tipogga kif mehtieg.  Il-Kunsill qabel.

**5.**  Is-Sur Abela qal li l-Kunsill gie mitlub li jirranga Triq Has Saptan izda li spiza tax-xoghol se tammonta ghal €1500. Il-Kunsill qabel li din hi spiza gholja u ghaldaqstant s-Sindku qal ukoll li se jiccekkja w jara x'jista jsir.  Il-Kunsill qabel.

**6.** Is-Sindku qal li saret talba biex Triq il-Bizzilla issir tabella "One Way". Qal ukoll li fi Triq San Gorg hemm il-htiega li jitwahhlu zewg tabelli bil-vleggeg biex jindikaw id-direzzjoni.  Il-Kunsill qabel.

**7.** Is-Sindku qal li jixtieq li ssir Maratona bir-roti nhar 21 ta' April 2015 li jkun vicin Jum Hal Ghaxaq. Qal ukoll li se jitlob lil Transport Malta biex jara jekk jistghax jghalaq il-Bypass mit-traffiku f'dik il-gurnata.  Il-Kunsill qabel.

**8.** Is-Sindku qal li s-Segretarju staqsiet dwar mutur tal-hrit biex jinxtara mill-Kunsill izda il-prezzijiet gholjin u wiehed zghir ma jkunx tajjeb ghax-xoghol li jrid iwettaq il-Kunsill ghaldaqstant il-Kunsill prezenti qabel li jigi ikkuntattjat il-persuna li tefghet l-irhas kwotazzjoni ghal hrit, dik ta' 400euro.  Il-Kunsillier Agius qalet li min ikun se jwettaq ix-xoghol jiehu hsieb jghamel il-bicca hamrija li hemm biswit tat-tyres fil-Bypass.  Il-Kunsill qabel.

**9.** Is-Sindku ressaq il-proposta li sid il-van li qed jigi wzat mill-haddiema assenjati mall-Kunsill jixtieq jghaddi l-van minghajr hlas lil-Kunsill, izda il-Kunsill irid ihallas il-licenzja u l-*insurance* u kull spejjez ohra li jistghu jinqalghu. Qal ukoll izda li dan il-van jibqa jintuza mis-sid u minn Nursery tal-Futbol.  Il-Kunsilliera prezenti ma xtaqux jikkommettu ruhhom u qalu lis-Sindku biex jerga jressaq din il-proposta f'laqgha ohra.

Bottom of Form
Bottom of Form

Bottom of Form
Bottom of Form

**11. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fid-9.00 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 27 ta’ Ottubru 2014, fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| Darren Abela | Therese Xuereb |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**<u>Ikkonfermati:- it-Tnejn 27 ta’Ottubru, 2014, fis-6.00pm</u>**